MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru 912/2009

PULIZIJA
SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT
VS
ACHRAF GARBOA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Achraf Garboa ta’ 28 sena, iben Abdul El Aziz Soliman (Bu Salim Palestine) u Seham nee’ Qauda mwieled Pieta’ fl-4 ta’ Lulju 1981, residenti Nora Court 19 Triq Beogonja San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 356781(M).

Illi huwa akkuzat talli, fix-xahar t’Awissu 2008 f’hinijiet differenti minghajr awtorizzazzjoni:

1) Uza l-kodici ta’ dhul, password, isem l-utent, l-indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew

informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer u cioe' dik ta' Stefanie Borg minn H'Attard.
2) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghat il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Achraf Garboa, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 337B, 337C(1)(f)(i), 337C, 2(a), 337F tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat, l-eta' giovanili tieghu, l-fedina penali nadifa netta tieghu u l-fatt illi l-kwerelanti illi hija l-*partner* ta' l-imputat irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u haffret lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------